# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar Il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002**

**Numru**

**Cit. Nru. 959/90AD**

**Dr. Raymond Zammit ghan-nom u in rappresentanza ta' "Camilleri Marble Works Limited"**

**vs**
**John Mallia**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni ppresentata quddiem il-Qorti Civili Prim' Awla fis-17 ta' Ottubru 1990, l-attur nomine wara li ppremetta illi hu debitament awtorizzat biex jidher ghad-ditta attrici kif jirrisulta minn Dokument "A" hemm anness; u illi d-ditta attrici hija kreditrici tal-konvenut ghas-somma

ta' sitt mija u wiehed u tletin lira maltin (Lm631) rappresentanti prezz ta' xoghol ta' granit u rham, oltre interessi, kif jirrisulta mid-dokument B anness mac-citazzjoni, kif ukoll prezz ta' xoghol addizzjonali li jammonta ghal Lm201 lira maltin; u illi interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti; talab li dik il-Qorti (1) tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur noe fis-somma ta' Lm631; (2) tordna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ammont ta' Lm631 bl-interessi; bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta' Awissu 1990 u tal-mandat ta' qbid tat-13 ta' Awissu 1990;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa (1) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur noe thallas kollox tax-xoghol li huwa ghamel skond il-kuntratt ta' appalt imsemmi; (2) illi lanqas m'hu car x'qed jippretendi l-attur noe billi l-ammont mitlub fit-talba ma' jinkludix ammont imsemmi fil-premessi u fid-dikjarazzjoni ; salvi eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu 1994, l-ewwel Qorti rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprovdiet dwar l-ewwel talba attrici billi ddikjarat illi l-konvenut huwa debitur tal-attur noe fl-ammont ta'

Lm544.39,0 biss u pprovdiet dwar it-tieni talba attrici billi ikkundannat lill-konvenut biex ihallas lilli-attur nomine s-somma ta' hames mija erbgha u erbghin lira u disgha u tletin centezmu fuq l-imsemmija somma ta' Lm544.39,0 ghandu jiddekorri l-imghax mid-9 ta' Novembru 1990, data tan-notifika tal-konvenut bl-att ta' citazzjoni, u ordnat illi l-ispejjes tal-kawza jigu sopportati kwantu ghal parti wahda minn tmienja (1/8) mill-attur noe u kwantu ghal seba' partijiet minn tmienja (7/8) mill-konvenut.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk b'nota presentata fil-15 ta' Marzu 1994 interpona appell minnha lil dina Qorti fuq l-aggravju segwenti.

(i) Illi l-ewwel aggravju tal-konvenut hija fejn l-ewwel Qorti iddecidiet li huwa ghad ghandu jhallas is-somma ta' Lm170 bhala bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet ta' irham gewwa l-fond tieghu l-Mosta;

Illi fuq din it-talba l-esponenti qieghed jissottometti f'dan l-istadju illi t-talba attrici ghall-hlas ta' dan l-ammont huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 2148(a) billi x-xoghlijiet imsemmija mill-attur noe tlestew f'Awissu 1987;

Illi minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni, xorta wahda l-konvenut jirritjeni illi t-talba attrici kienet infondata billi l-konvenut kien hallas lill-attur noe tax-xoghlijiet kollha esegwiti gewwa l-fond tieghu l-Mosta u di fatti l-konvenut kien esibixxa ricevuta li tinsab fl-att tal-process fejn turi dawn ix-xoghlijiet kienu mhallsa.

Illi l-ewwel darba illi l-konvenut kien sema' bl-allegazzjoni tal-attur illi kien ghad hemm bilanc ta' Lm170 kien meta l-attur baghat "invoice" lill-konvenut ghax-xoghlijiet li saru gewwa l-hanut Monopole Tas-Sliema u fiha kien inkluda dan l-ammont. Illi din hija r-raguni l-ghala l-konvenut ma esibix ricevuta ta' Lm170 imma dik fejn huwa kien hallas ammont akbar fuq ix-xoghlijiet tal-Mosta.

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migbura quddiemha u l-konvenut appellanti jirritjeni illi din it-talba kellha tigi michuda bl-ispejjes.

(ii) Illi dwar it-tieni aggravju li l-konvenut appellanti ghandu dwar is-sentenza appellata huwa illi hu gie ikkundannat illi jhallas s-somma ta' Lm374.39,0 bhala bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet li saru fil-hanut Monopole.

Illi l-attur issottometta illi dan l-ammont huwa l-prezz ta' "extra works" illi l-konvenut ordna minghand l-attur waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet u cioe' zieda fix-xoghol fuq il-faccata u fit-tarag.

Illi a skans ta' ripetizzjoni, il-konvenut jaghmel riferenza ghan-nota ta' kritika li huwa ppresenta f'din il-kawza u dana partikolarment ghal dawk il-partijiet intitolati C. " Heads ta-tarag; D. Faccata tal-granit Nero Afrika; u E Ittra tal-konvenut datata 14 ta' Settembru 1989 mmarkata bhala dokument "JM5".

Illi fil-fehma tal-konvenut, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, naqset milli tiehu in konsiderazzjoni dawn l-imsemmija kummenti tal-konvenut.

Illi f'din il-kawza hija l-opinjoni tal-konvenut illi l-ewwel Qorti naqset milli tara sew il-kuntratt maghmul bejn il-partijiet. Dan il-kuntratt ghandu kliem specifiku u inekwivoku fejn ix-xoghol rikjest kellu jsir ghal certu somma.

Illi issa jekk l-attur ghamel kalkoli hziena dan ma jistax – sabiex jikkoregi l-izball tieghu – jghid illi l-attur tah xoghlijiet zejda. L-attur ghamel stima li l-konvenut accetta u ikkonferma bl-ittra JM5 u ghalhekk billi l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni din l-ittra, waslet ghall-konkluzjoni hazina.

Illi dak li l-ewwel Qorti kellha tara huwa mhux kemm kien hemm kejl ta'materjal uzat fil-fond imma jekk il-kuntratt maghmul bejn il-partijiet kienx jinkludi x-xoghlijiet kollha jew le.

L-appellant talab li dina l-Qorti joghgobha timmodifika s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-7 ta' Marzu 1994 billi fil-waqt li tirrevoka l-parti tas-sentenza li biha irrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm544.39,0 u 7/8 mill-ispejjes, tikkonferma l-kutlament tas-sentenza u hekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet kollha tal-attur appellat, bl-ispejjes kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA' DR.RAYMOND ZAMMIT NOE GHALL-PETIZZJONI TAL-APPELL TA' JOHN MALLIA-**

5. L-attur noe appellat wiegeb hekk :-

(i) Illi l-garanti offert mill-konvenut mhux idoneju;

(ii) Illi l-konvenut fid-dikjarazzjoni tal-fatti tieghu bil-gurament stqarr illi hu hallas LM700, LM500 u LM1000, b'kollox LM2200 li jigi skond hu

LM70 aktar mill-ammont miftiehem u dan billi sar xi xoghol ta' soll u skirting mhux kontemplati fl-appalt originali;

(iii) Illi pero fix-xhieda tieghu il-konvenut jinsa is-soll u jattribwixxi is-LM70 zejda ghax-xoghol ta' skirting ordnat zejjed biss;

(iv) Illi l-konvenut ammetta li hu hallas LM70 ghal skirting fuq stima tal-attur pero ma kienx dan biss ix-xoghol zejjed ordnat mill-konvenut kif irrizulta mill-provi. Ammetta ukoll il-konvenut illi l-attur kien ha qisien u hareg stima fuqhom u ikkonferma illi dawn il-qisien f' dokument X4 gew iffirmati minnu; fil-fatt il-konvenut jammetti li Ray Camilleri kien mar fuq il-post u ra x-xogholijiet li l-konvenut indikalu, u Ray Camilleri kellu diary li fuqu nizzel in-notamenti tax-xoghol originali ordnat liema notamenti gew iffirmati mill-konvenut (Dok X4);

(v) Ray Camilleri ikkonferma li l-istima ta' LM2130 kien harigha fuq qisien li ha fil-prezenza tal-konvenut. Il-konvenut pero wara kien ordna xogholijiet ohra u ghalhekk l-attur baghtlu statement iehor. Dan skond l-attur hi haga normali li ssir meta wiehed ikun qed jahdem u wara il-klijent jitlob affarijiet ohra mhux inkluzi fl-istima originali. L-attur cahad li x-xogholijiet extra kienu jammontaw biss ghal LM70. Anzi l-attur jispecifika li x-xogholijiet extra kienu jinkludu xoghol fuq il-faccata, skirting, window sills u differenza fix-xoghol tat-tarag peress li minn

meta kejjel sakemm sar ix-xoghol kien hemm alterazzjonijiet strutturali fit-tarag.

Illi jidher mit-tieni aggravju tal-Appell illi l-konvenut qieghed jippretendi illi tax-xogholijiet extra hu ma jhallasx. Ray Camilleri ma ghamilx kontijiet hziena iz-zieda fil-prezz kellha issir ghax wara li ordna ix-xoghol u sar il-kuntratt, il-konvenut zied aktar xoghol;

(vi) Ray Camilleri dwar il-faccata jghid li l-konvenut l-ewwel kien ordnalu irham sa gholi ta' 18 il-pied, pero wara kien ziedlu aktar.

Dan gie konfermat bil-gurament minn Charles Abdilla, dak iz-zmien labourer mad-ditta attrici li ftakar li l-imghallem kien indikalu li l-irham kellu jsir sa certu livell fil-faccata imbaghad wara zmien kien qallu li s-sid kien iddecieda li jibqa' tiela' bix-xoghol tal-irham u qal li l-konvenut kien mar fuq il-post anke meta kienu qed jahdmu fuq l-irham fil-livell izjed gholi minn dak originali. Huwa konferma ukoll minn Renzo Borg Grech li kien -l-interior desiger imqaddad mill-konvenut kif ser jigi imfisser aktar tard.

(vii) Ray Camilleri xehed li hu l-ewwel ha qisien originali u kien hadem il-kont fuq dawn il-qisien li inkitbu fuq pagna mehuda minn diary Dok X4. Din giet iffirmata miz-zewg partijiet fuq insistenza tal-konvenut u inhareg

kont “lump sum”.  Meta l-konvenut ziedlu parti ta’ fuq mit-tieni sular fil-faccata, u gewwa ziedlu faxxi ta’ pied minflok 6 pulzieri u skirting u sollijiet l-attur hareg ir-rata ta’ tant flus il-metru fuq l-istima originali u din ir-rata wara uzaha ghaz-zieda ukoll.  Fil-fatt meta intalbet iz-zieda ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz taz-zieda proprju ghaliex din tigi kalkulata bl-istess prezz.

*“Jien rajt kemm kienet l-istima originali u minn hemm jien hrigt ir-rati kull metru u applikajtu fiz-zieda.”*

(viii)  Ray Camilleri in kontro –ezami jelabora illi l-ewwel kejlijiet gew iffirmati fuq talba tal-konvenut.  Dan ma ghamilx l-istess talba meta quddiem id-disinjatur Renzo Borg Grech ittiehdu l-kejlijiet fuq iz-zieda. U forsi hawn il-konvenut gia kien qieghed iwitti it-triq ghall-iskuza tieghu biex jevadi hlas.

F’dan is-sens il-karti tad-diary li juru il-qisien mehuda originarjament kienu provvidenzjali.  Fid-dokument RC jew X4 li huma il-pagni tad-diary hemm il-qies ta’ kemm kellha tkun il-faccata qabel gie mizjud ix-xoghol. Biex wiehed jivverifika kemm gie ordnat xoghol zejjed minn dak originarjament miftiehem bil-prezz ta’ LM2130.00,0 bizzejjed wiehed inaqqas il-kejl tax-xoghol li hemm issa fuq il-post u l-kejlijiet murija fid-Dokument X4.

(ix) Ray Camilleri jispjega kif hareg il-prezz fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1991 quddiem il-perit tekniku. Hu jghid li s-somma miftehma LM2130.00,0 kien iddividiha fil-kejl originali qabel iz-ziediet u hareg ir-rata ta' tant flus il-metru. Gie li l-irham Arabescato hareg bil-LM37.67 il-metru kwadru, il-granit bil-LM60.00 il-metru kwadru, heads u skirting tat-tarag kien ta' LM4.50 il-wiehed.

Minn dawn il-prezzijiet Ray Camilleri kien ghamel skont u l-Arabescato kien hadmu bil-LM34.09 il-metru kwadru = LM1284.17,0 cioe 37.66m2. Pero fic-cirkostanzi dan it-tnaqqis li l-attur kien ser jaghmel buona gratia ma jistax jigi sostnut stante l-attitudni tal-konvenut. Il-granit Nero Afrika hadmu bil-LM60.00 il-metru kwadru = LM1053.41,0 cioe 17.55m2 U heads u skirting 72 cioe total ta' LM324.00,0. Ammontanti b'kollox ghal LM2661.58,0. Minn dawn thallsu LM700, LM500 u LM1000. B'hekk fadal bilanc ta' LM461.58,0 li mieghu ghandu jizdied bilanc ta' LM170.00 minn prezz ta' xoghol li l-konvenut kien fadallu jhallas fuq xoghol li sar il-Mosta. B'kollox ghalhekk il-konvenut fadallu jhallas LM631.58,0.

(x) Illi dwar l-ahhar ammont li dwaru jittratta l-ewwel aggravju tal-appellant cioe l-ammont ta' LM170.00 l-attur jinnota li c-citazzjoni tirrigwarda xoghol maghmul minghajr ma tispecifika fejn proprju biex tinkludi it-talba ghal dan il-bilanc. Il-konvenut ghalkemm kellu kull

opportunita li jaghmel dan ma gab ebda prova konsistenti f'ircevuta biex jipprova li dan ix-xoghol thallas u ovvjament f'dan l-istadju tali prova ma tistax tingieb.

(xi) Illi peress illi l-konvenut kien qieghed ihallas tax-xoghol kollu li sar akkont f'pagamenti maghmula fi zmien differenti allura dan l-ammont ma giex preskritt kif qed jallega l-konvenut – u dan il-bilanc fuq ix-xoghol maghmul il-Mosta kien ghadu dovut;

(xii) Illi l-konvenut ghalhekk kellu kont miftuh mal-attur u ghalhekk dan l-ammont ma setax jigi preskritt;

(xiii) Id-diskrepanza zghira mill-kont tal-perit tekniku hi attrubwibbli ghad-divergenzi zghar bejn il-kejl tal-attur u tal-perit.

Illi apparti dan, galadarba l-konvenut naqas li jhallas kif miftiehem issa ma jistax il-konvenut jippretendi li jgawdi l-iskont li kien ser igawdi minnu qabel u b'hekk l-Arabescato ghandu jitqies bil-LM37.67 il-metru kwadru cioe LM1418.65,2 li maghdud mal-LM1053.41,0 tal-granit Nero Afrika u mal-LM324.00,0 al-heads u skirting jammontaw ghal LM2796.06,0. Meta jitnaqqsu l-LM2200.00,0 imhallsa mill-konvenut jibqa' LM596.00,0 li hu l-ammont dovut minghajr l-iskont u li mieghu irid jizdied LM170.00 ghax-xoghol tal-Mosta.

(xiv) Illi mhux verosimili l-allegazzjoni tal-konvenut li hu iffirma minghajr ma kien jaf x'qieghed jiffirma, u dan il-Qorti tista tifhmu ahjar meta tara l-portata tal-ittra mibghuta personalment mill-konvenut – wiehed jinduna li dan hu bniedem li anke kapaci jittutela l-posizzjoni tieghu anke aktar milli mistenni.

Illi hi ukoll prattika kummercjali – u ghalhekk ligi – illi x-xoghol iz-zejjed li jsir minghajr ftehim irid jithallas bil-prezz kurrenti u ghalhekk fuq ir-rati u stimi tax-xoghol originali.

(xv) Illi l-kejl taz-zieda saret fil-presenza tal-konvenut u quddiem Renzo Borg Grech li kien id-designer li kien gie imqabbad **mill-konvenut** biex jaghmillu id-disinn u jissorvelja ix-xoghol.

Il-konvenut ukoll jikkonferma illi ma kienx iffirma kuntratt iehor dwar iz-ziediet. Ghalhekk rega' hu ovvju li l-prezz ta' dawn iz-ziediet ikun li johrog skond ir-rati mahruga mix-xoghol originali.

(xvi) Illi Renzo Borg Grech interior designer imqabbad mill-konvenut esebixxa dokument RBG1 u qal li meta beda ix-xoghol dan kellu jsir kif hemm muri. Hu qal li meta sar inkontru il-faccata immarkata ABCD

kienet lesta u jghid li qabel dak l-inkontru il-parti minn ABCD il-fuq ma kienx qed ituha importanza l-anqas minn gewwa.  Hu jghid :

> "**<u>il-probabbilta hi li l-meeting sar proprju biex tigi emendata il-faccata</u>**"
>
> Dan jikkorabora ix-xhieda moghtija mill-attur.

(xvii) Ix-xhud Lina Mallia, mart il-konvenut, tipprova taghti kredibilta lil konvenut pero fil-fatt tkompli turi kemm l-istorja tal-konvenut hi fabbrikata u dan meta li l-attur kienet qaltlu darbtejn biex jaghmel il-faccata kollha, l-ewwel meta marru biex jaghzlu l-irham u it-tieni meta l-konvenut mar fuq il-post biex jerga ikejjel.  Din l-insistenza mhux normali f'kazijiet ordinarji – cioe meta kollox ikun car.  Hi regghet insistiet meta kienet taf li l-ewwel darba kien fehemha.  Iz-zelu taghha biex turi u taccerta li l-attur kellu jaghmel il-faccata kollha hu prekkupanti u jittradixxi l-iskop tax-xhieda taghha.

(xviii) Illi l-analizi tal-provi u konkluzjonijiet tal-perit tekniku hi wahda korretta.  Illi l-Arabescato kif imkejjel mill-perit tekniku kien jammonta ghal 37.8309m2, dan bil-prezz originali ta' LM37.67 jammonta ghal LM1425.09,0.  Il-kejl tal-perit tekniku ghal granit nero afrika kien jammonta ghal 18.33m2, dan bil-prezz ta' LM60.00 il-metru kwadru

jammonta ghal LM1099.00,0. Il-kejl finali tal-attur kien xi ftit anqas minn dan cioe $37.66m_2$ u $17.55m_2$

(xix) Issa meta wiehed iqis il-kejl originali ta' Raymond Camilleri, Dokument RC jew X4 (li huwa l-istess) li fuq talba tal-konvenut gie iffirmat minnu u minn Raymond Camilleri wiehed jinnota li originarjament il-granit tal-faccata kellha kejl ta' $13.5688m_2$ u cioe $4.76m_2$ anqas minn dak misjub fuq il-post mill-perit tekniku, fil-waqt li irham fuq gewwa skond dok RC kien hemm $34.51m_2$ u cioe $3.32m_2$ anqas minn dak misjub fuq il-post mill-perit tekniku.

Dan jikkonferma kif stabilixxa l-perit tekniku iz-ziediet ordnati mill-konvenut fuq il-kejl u fuq l-istima li fuqha kien hareg l-ewwel stima originali.

(xx) Il-heads li kienu f'numru ta' 65 kellhom jiswew LM4.5 il-wiehed cioe total ta' LM292.50,0. L-attitudni tal-konvenut kienet kontinwament wahda intiza biex jahbi u jiskarta hlas dovut minnu u f'din il-perspettiva biss tista titqies l-ittra minnu allegatament mibghuta Dok JM5.

Ix-xhieda ta' Renzo Borg Grech li kien id-designer imqabbad mill-konvenut stess dwar iz-zieda li ordna il-konvenut kif ukoll dik ta' Charles Abdilla, haddiem huwa gia wahedhom konklusivi.

(xxi) Ghar-ragunijiet premessi it-talbiet dedotti fic-citazzjoni tal-attur ghandhom jigu milqugha kif hemm dedotti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant. Illi l-attur qieghed jipprevalixxa ruhu mill-Appell prezentat mill-konvenut biex jipprezenta Appell Incidentali tieghu.

6. L-attur hass ruhu aggravat u s-sentenza, ta' L-ewwel Qorti pprevalixxa ruhu minn tali Appell biex jipprezenta dan l-Appell Incidentali.

Illi l-aggravju ta' l-attur hu s-segwenti :

(i) Illi l-konvenut fid-dikjarazzjoni tal-fatti tieghu bil-gurament stqarr illi hu hallas LM700, LM500 u LM1000, b'kollox LM2200 li jigi skond hu LM70 aktar mill-ammont miftiehem u dan billi sar xi xoghol ta' soll u skirting mhux kontemplati fl-appalt originali;

(ii) Illi pero fix-xhieda tieghu il-konvenut jinsa is-soll u jattribwixxi is-LM70 zejda ghax-xoghol ta' skirting ordnat zejjed biss :

(iii) Illi l-konvenut ammetta li hu hallas LM70 ghal skirting fuq stima tal-attur pero ma kienx dan biss ix-xoghol zejjed ordnat mill-konvenut kif irrizulta mill-provi. Ammetta ukoll il-konvenut illi l-attur kien ha qisien u hareg stima fuqhom u ikkonferma illi dawn il-qisien f'dokument X4 gew

iffirmati minnu; fil-fatt il-konvenut jammetti li Ray Camilleri kien mar fuq il-post u ra x-xogholijiet li l-konvenut indikalu, u Ray Camilleri kellu diary li fuqu nizzel in-notamenti tax-xoghol originali ordnat liema notamenti gew iffirmati mill-konvenut (Dok X4);

(iv) Ray Camilleri ikkonferma li l-istima ta' LM2130 kien hariga fuq qisien li ha fil-presenza tal-konvenut. Il-konvenut pero wara kien ordna xogholijiet ohra u ghalhekk l-attur baghtlu statement iehor. Din skond l-attur hi haga normali li ssir meta wiehed ikun qed jahdem u wara il-klijent jitlob affarijiet ohra mhux inkluzi fl-istima originali. L-attur cahad li x-xogholijiet extra kienu jammontaw biss ghal LM70. Anzi l-attur jispecifika li x-xogholijiet extra kienu jinkludu fuq il-faccata, skirting, window sills u differenza fix-xoghol tat-tarag peress li minn meta kejjel sakemm sar ix-xoghol kien hemm alterazzjonijiet strutturali fit-tarag.

(v) Ray Camilleri dwar il-faccata jghid li l-konvenut l-ewwel kien ordnalu irham sa gholi ta' 18 il-pied, pero wara kien ziedlu aktar.

Dan gie konfermat bil-gurament minn Charles Abdilla, dak iz-zmien labourer mad-ditta attrici li ftakar li l-imghallem kien indikalu li l-irham kellu jsir sa certu livell fil-faccata imbaghad wara zmien kien qallu li s-sid kien iddecieda li jibqa' tiela' bix-xoghol tal-irham u qal li l-konvenut kien mar fuq il-post anke meta kienu qed jahdmu fuq l-irham fil-livell izjed

gholi minn dak originali. Huwa konferma wkoll minn Renzo Borg Grech li kien l-interior designer imqabbad mill-konvenut kif ser jigi imfisser aktar tard.

(vi) Ray Camilleri xehed li hu l-ewwel ha qisien originali u kien hadem il-kont fuq dawn il-qisien li inkitbu fuq pagna mehuda minn diary Dok X4. Din giet iffirmata miz-zewg partijiet fuq insistenza tal-konvenut u inhareg kont "lump sum". Meta l-konvenut ziedlu parti ta' fuq mit-tieni sular fil-faccata, u gewwa ziedlu faxxi ta' pied minflok 6 pulzieri u skirting u sollijiet l-attur hareg ir-rata ta' tant flus il-metru fuq l-istima originali u din ir-rata wara uzaha ghaz-zieda ukoll. Fil-fattmeta intalbet iz-zieda ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz taz-zieda proprju ghaliex din tigi kalkulata bl-istess prezz.

"*Jien rajt kemm kienet l-istima originali u minn hemm jien hrigt ir-rati kull metru u applikajtu fiz-zieda.*"

(vii) Ray Camilleri in kontro-ezami jelabora illi l-ewwel kejlijiet gew iffirmati fuq talba tal-konvenut. Dan ma ghamilx l-istess talba meta quddiem id-disinjatur Renzo Borg Grech ittiehdu l-kejlijiet fuq iz-zieda. U forsi hawn il-konvenut gia kien qieghed iwitti it-triq ghall-iskuza tieghu biex jevadi hlas.

F'dan is-sens il-karti tad-diary li juru il-qisien mehuda originarjament kienu provvidenzjali. Fid-dokument RC jew X4 li huma il-pagni tad-diary hemm il-qies ta' kemm kellha tkun il-faccata qabel gie mizjud ix-xoghol. Biex wiehed jivverifika kemm gie ordnat xoghol zejjed minn dak originarjament miftiehem bil-prezz ta' LM2130.00,0 bizzejjed wiehed inaqqas il-kejl tax-xoghol li hemm issa fuq il-post u l-kejlijiet murija fid-Dokument X4

(viii) Ray Camilleri jispjega kif hareg il-prezz fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1991 quddiem il-perit tekniku. Hu jghid li s-somma miftehma LM2130.00,0 kien iddividiha fil-kejl originali qabel iz-ziediet u hareg ir-rata ta' tant flus il-metru. Gie li l-irham Arabescato hareg bil-LM37.67 il-metru kwaru, il-granit bil-LM60.00 il-metru kwadru, heads u skirting tat-tarag kien ta' LM4.50 il-wiehed.

Minn dawn il-prezzijiet Ray Camilleri kien ghamel skont u l-Arabescato kien hadmu bil-LM34.09 il-metru kwadru = LM1284.17,0 cioe 37.66m2. Pero fic-cirkostanzi dan it-tnaqqis li l-attur kien ser jaghmel buona gratia ma jistax jigi sostnut stante l-attitudni tal-konvenut. Il-granit Nero Afrika hadmu bil-LM60.00 il-metru kwadru =LM1053.41,0 cioe 17.55m2. U heads u skirting 72 cioe total ta' LM324.00,0. Ammontanti b'kollox ghal LM2661.58,0. Minn dawn thallsu LM700, LM500 u LM1000. B'hekk

fadal bilanc ta' LM461.58,0 li mieghu ghandu jizdied bilanc ta' LM170.00 minn prezz ta' xoghol li l-konvenut kien fadallu jhallas fuq xoghol li sar il-Mosta. B'kollox ghalhekk il-konvenut fadallu jhallas LM631.58,0.

(ix) Illi dwar dan l-ahhar ammont ta' LM170.00 l-attur jinnota li c-citazzjoni tirrigwarda xoghol maghmul minghajr ma tispecifika fejn proprju biex tinkludi it-talba ghal dan il-bilanc. Il-konvenut ghalkemm kellu kull opportunita li jaghmel dan ma gab ebda prova konsistenti f'ircevuta biex jipprova li dan ix-xoghol thallas u ovvjament f'dan l-istadju tali prova ma tistax tingieb.

(x) Id-diskrepanza zghira mill-kont tal-perit tekniku hi attrubwibbli ghad-divergenzi zghar bejn il-kejl tal-attur u tal-perit.

Illi apparti dan, galadarba l-konvenut naqas li jhallas kif miftiehem issa ma jistax il-konvenut jippretendi li jgawdi l-iskont li kien ser igawdi minnu qabel u b'hekk l-arabescato ghandu jitqies bil-LM37.67 il-metru kwadru cioe LM1418.65,2 li maghdud mal-LM1053.41,0 tal-granit nero afrika u mal-LM324.00,0 ghall-heads u skirting jammontaw ghal LM2796.06,0. Meta jitnaqqsu l-LM2200.00,0 imhallsa mill-konvenut jibqa' LM596.00,0 li hu l-ammont dovut minghajr l-iskont u li mieghu irid jizdied LM170.00 ghax xoghol tal-Mosta.

(xi) Illi mhux verosimili l-allegazzjoni tal-konvenut li hu iffirma minghajr ma kien jaf x'qieghed jiffirma, u dan il-Qorti tista tifhmu ahjar meta tara l-portata tal-ittri mibghuta personalment mill-konvenut – wiehed jinduna li dan hu bniedem li anke kapaci jittutela l-posizzjoni tieghu anke aktar milli mistenni.

Illi hi ukoll prattika kummercjali – u ghalhekk ligi – illi x-xoghol iz-zejjed li jsir minghajr ftehim irid jithallas bil-prezz kurrenti u ghalhekk fuq ir-rati u stimi tax-xoghol originali.

(xii) Illi l-kejl taz-zieda saret fil-presenza tal-konvenut u quddiem Renzo Borg Grech li kien id-designer li kien gie imqabbad **mill-konvenut** biex jaghmillu id-disinn u jissorvelja ix-xoghol.

Il-konvenut ukoll jikkonferma illi ma kienx iffirma kuntratt iehor dwar iz-ziediet. Ghalhekk rega' hu ovvju li l-prezz ta' dawn iz-ziediet ikun li johrog skond ir-rati mahruga mix-xoghol originali.

(xiii) Illi Renzo Borg Grech interior designer imqabbad mill-konvenut esebixxa dokument RBG1 u qal li meta beda ix-xoghol da kellu jsir kif hemm muri. Hu qal li meta sar inkontru il-faccata immarkata ABCD kienet lesta u jghid li qabel dak l-inkontru il-parti minn ABCD il fuq ma kienux qed ituha importanza l-anqas minn gewwa. Hu jghid :

**<u>" il-probabbilta hi li l-meetinig sar proprju biex tigi emendata il-faccata."</u>**

Dan jikkorabora ix-xhieda moghtija mill-attur.

(xiv) Ix-xhud Lina Mallia, mart il-konvenut, tipprova taghti kredibilta lil konvenut, pero fil-fatt tkompli turi kemm l-istorja tal-konvenut hi fabbrikata u dan meta li l-attur kienet qatlu darbtejn biex jaghmel il-faccata kollha, l-ewwel meta marru biex jaghzlu l-irham u it-tieni meta l-konvenut mar fuq il-post biex jerga ikejjel. Din l-insistenza mhux normali f'kazijiet ordinarji – cioe meta kollox ikun car. Hi regghet insistiet meta kienet taf li l-ewwel darba kien fehemha. Iz-zelu taghha biex turi u taccerta li l-attur kellu jaghmel il-faccata kollha hu preokkupanti u jittradixxa l-iskop tax-xhieda taghha.

(xv) Illi l-analizi tal-prova u konkluzjonijiet tal-perit tekniku hi wahda korretta.

Illi l-arabescato kif imkejjel mill-perit tekniku kien jammonta ghal 37.8309m2, dan bil-prezz originali ta' LM37.67 jammonta ghal LM1425.09,0. Il-kejl tal-perit tekniku ghal granit nero afrika kien jammonta ghal 18.33m2, dan bil-prezz ta' LM60.00 il-metru kwadru

jammonta ghal LM1099.00,0. Il-kejl finali tal-attur kien xi ftit anqas minn dan cioe 37.66m2 u 17.55m2

(xvi) Issa meta wiehed iqis il-kejl originali ta' Raymond Camilleri, Dokument RC jew X4 (li huma l-istess) li fuq talba tal-konvenut gie iffirmat minnu u minn Raymond Camilleri, wiehed jinnota li originarjament il-granit tal-faccata kellha kejl ta' 13.5688m2 u cioe 4.76m2 anqas minn dak misjub fuq il-post mill-perit tekniku, fil-waqt li irham fuq gewwa skond dok RC kien hemm 34.51m2 u cioe 3.32m2 anqas minn dak misjub fuq il-post mill-perit tekniku.

Dan jikkonferma kif stabilixxa l-perit tekniku z-ziediet ordnati mill-konvenut fuq il-kejl u fuq l-istima li fuqha kien hareg l-ewwel stima li fuqha kien hareg l-ewwel stima originali.

(xvii) Il-heads li kienu f'numru ta' 65 kellhom jiswew LM4.5 il-wiehed cioe total ta' LM292.50,0. L-attitudni tal-konvenut kienet kontinwament wahda intiza biex jahbi u jiskarta hlas dovut minnu u f'din il-perspettiva biss tista titqies l-ittra minnu allegatament mibghuta Dok JM5.

Ix-xhieda ta' Renzo Borg Grech li kien id-designer imqaddad mill-konvenut stess dwar iz-zieda li ordna il-konvenut kif ukoll dik ta' Charles Abdilla, haddiem huma gia wehedhom konklusivi.

Ghar-ragunijiet premessi it-talbiet dedotti fic-citazzjoni tal-attur ghandhom jigu milqugha kif hemm dedotti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Ghaldaqstant l-attur talab lil dina L-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tas-7 ta' Marzu 1994 fil-kawza fl-ismijiet premessi u tilqa' dan l-Appell tal-attur billi tilqa' t-talbiet attrici kollha skond kif dedotti fic-citazzjoni u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin (LM631.00,0) bl-interessi li ghandhom jibdew jidekorru mit-3 ta' Awissu 1990 data li fiha l-konvenut gie interpellat ihallas b'ittra legali.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. L-attur appellat harrek lill-konvenut appellant biex dan ihallas LM631.00 prezz ta' xoghol ta' granit u rham oltre interessi, kif ukoll ta' xoghol addizzjonali. Il-konvenut eccepixxa l-pagament per saldu, anzi jiddikjara li huwa hallas LM70 aktar mill-ammont miftiehem fil-kuntratt ta' appalt billi sar xi xoghol iehor (soll u skirting) mhux kontemplat fl-appalt originali.

8 Illi fil-kors tal-gbir tal-provi jirrizulta li propjament l-attur talab hlas dwar xoghol maghmul f'zewg inhawi differenti – fatt alkwantu imprecizat

fl-att tac-citazzjoni kif del resto gie sollevat mill-konvenut eccipjent. L-attur talab LM170 in konnessjoni ma' xoghol esegwit fil-Mosta u r-rimanenti LM461.00 ghal xoghol esegwit fil-hanut "Monopole" li jinsab f'Bisazza Street, Sliema. Il-konvenut appellant esebixxa ricevuti biex juri li komplessivament huwa hallas lill-attur l-ammont ta' LM2200 (Rik JM1 – JM2 – JM3, fol 12 sa 14 tal-process). Ricevuta dwar l-ammont ta' LM170 ghax-xoghol fil-Mosta baqa' pero' ma esebihiex u dwar din il-partita xoghol issolleva ulterjorment u fl-istadju ta' appell, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2148 (a) tal-Kap 16.

9. Jirrizulta li fil-kors tas-smigh tal-kawza, L-Ewwel Qorti kienet hatret perit arkitett biex dan jirrelata dwar it-talbiet attrici, tenut kont tal-eccezzjonijiet li gew sollevati. Il-perit gudizzjarju, fir-relazzjoni tieghu, deherlu li ghandu jinjora l-kont ta' Lm170 rigwardanti xoghol fil-Mosta u mbaghad spicca biex ikkonkluda li ghax-xoghol kollu effettwat mill-appellat f' tas-Sliema b'inkariku tal-konvenut, li l-ammont realment dovut kellu jkun ta' LM2817.39c u mhux ta' LM2,200.00, u li allura kien ukoll ifisser li ghax-xoghol biss fil-hanut "Monopole" l-attur kien haqqu jithallas l-ammont bilanjali ta' LM617.39c.

10 Illi, wara li gharbet dettaljatament u minuzjosament kemm il-provi li gew prodotti kif ukoll ir-relazzjoni peritali, l-Ewwel Qorti ikkunkludiet li fl-ewwel lok – u dan gustament fil-fehma ta' din il-Qorti – li hija ma

setghet qatt legalment taccetta konkluzzjoni li tmur, igifieri ghal dik li jikkoncerna l-quantum tas-sorte, 'il hinn u in eccess minn dak mitlub fl-att tac-citazzjoni. Minbarra dan, irragunat ukoll, u anke hawn kienet gustifikata, li l-abili relatur ma kellhux raguni li jeskludi mill-ammont mitlub il-kont ta' LM170.00 a bazi li dan ix-xoghol ma kellhux x'jaqsam max-xoghol li sar fil-hanut "Monopole". Diga' ssemma' supra li fl-att tac-citazzjoni m'hemmx specifikat fejn sar ix-xoghol li tieghu ntalab pagament. Dan mela jfisser li x-xoghol maghmul fil-Mosta certament ma giex eskluz u jekk dan baqa' ma giex saldat, l-attur seta' talab il-hlas tieghu wkoll billi kien dovut mill-istess debitur, igifieri il-konvenut fil-kawza.

11 Illi fl-istadju ta' l-appell, l-appellant konvenut issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni riferibbilment ghal dan l-ammont ta' LM170.00, u dan a tenur ta' l-artiklu 2148(a) tal-Kap 12, igifieri l-preskrizzjoni hekk imsejha "qasira" tat-tmintax il-xahar.

Illi trattandosi ta' xoghlijiet ta' appalt moghtija mill-appellant liema xoghol kien jithallas b'pagament rateali akkont, ghandu jirrizulta bic-car li l-preskrizzjoni talvolta applikabbli kellha tkun dik kwinkwennali u allura l-eccezzjoni tal-appellant ma hijiex applikabbli u lanqas ipprovata. Mill-bqija, ghalkemm il-konvenut eccepixxa l-pagament ta' dan il-bilanc u jsemmi li kien fil-pussess ta' ricevuta dwaru, fil-fatt tali ricevuta baqghet

ma giet prodotta qatt. Kwindi, l-ammont bilancjali ta' LM170 huwa dovut billi jirrizulta li x-xoghol sar, li ghadu ma thallasx, u li dan id-debitu mhuwiex preskritt.

12 It-tieni parti ta' l-aggravju huwa dwar l-ammont l-iehor ta' LM374.39c li finalment iddecidiet dwaru l-Ewwel Qorti.

Ibda biex ghandu jigi osservat li originarjament l-attur kien ippretenda l-ammont ta' LM461.00 u kienet l-Ewwel Qorti, wara analisi minuzjusa inghad, li dan l-ammont gie ridott u dan ukoll wara li dik il-Qorti rriduciet b' mod sostanzjali l-ammont li gie suggerit lilha bhala dovut mill-espert gudizzjarju. Incidentalment dan igib din il-Qorti biex tiddisponi ukoll mill-appell incidentali li gie interpost mill- kontroparti appellata li ghadha sal-lum issostni li t-tieni parti ta' l-ammont kif minna mitlub kellha titqies bhala korretta u li konsegwentament l-ebda riduzzjoni ma kienet gustifikata jew gustifikabbli kif invece ghamlet l-Ewwel Qorti.

13 Din il-Qorti tosserva li trattandosi ta' evaluazzjoni u apprezzament ta' provi ta' fatt hija prassi stabbilita li sakemm ma jkunx hemm xi raguni serja talment li tiddetta xort' ohra, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament li jkun sar minn dik il-Qorti li quddiemha jkunu gew prodotti u mgharbla l-provi tal-partijiet. Trattandosi mbaghad ta' konsiderazzjonijiet bazati fuq aspetti ta' natura teknika tali

konsiderazzjoni tassumi forza akbar. Minbarra dan la jidher li xi wahda mill-partijiet ma pprevalixxiet mill-fakulta' li titlob in-nomine ta' periti addizzjonali u lanqas almenu ma saret debita eskussjoni tal-espert tekniku nominat appozitament mill-Qorti. Fil-kwalsiasi kaz pero' jirrizulta li l-Ewwel Qorti ghamlet analisi ta' kull partita xoghol u hlas relattiv u waslet ghal decizzjoni li la tabbraccja dak li finalment ikkonkluda l-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu u lanqas dak li ppretenda ghal kollox l-attur – u fil-fatt dan interpona appell incidentali imqar li id-differenza bejn dak li talab hija biss fl-ammont ta' LM86.61c.

14 Illi bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellant, hemm provi bizzejjed li juru li mal-ftehim ta' appalt kif originarjament miftiehem gew mizjuda xoghlijiet addizzjonali u li l-ghalhekk huwa inutli ghall-appellant li jibqa' jinsisti li l-Ewwel Qorti ma setghetx tiddipartixxi mill-ftehim originali. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li x-xoghol originali kien jiehu kont tax-xoghol kollu li sar effettivament. Anzi, li kieku legalment kien possibli li jsiru konteggi godda u kejl differenti kif ghamel l-espert gudizzjarju l-probabilita' hija li l-konvenut suppost kellu jigi mgieghel ihallas aktar minn dak li ntalab ihallas imma haga bhal din mhix aktar possibbli. Dan ghaliex kif osservat l-Ewwel Qorti,

"Anke jekk il-perit gudizzjarju ghandu ragun dwar il-konteggi relativi l-konvenut ma jista' qatt jigi kundannat ihallas aktar milli qed jippretendi l-attur nomine fl-att tac-citazzjoni ..."

Mill bqija, il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti dwar l-istima tal-“heads” li kellhom jinhadmu originarjament mill-attur kienu gja mittiehda in konsiderazzjoni mill-attur u dan ifisser li l-aggravji li gew inkorporati fl-appell incidentali tal-attur m’humiex fondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija fis-7 ta’ Marzu 1994 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad kemm l-appell tal-konvenut kif ukoll l-appell incidentali tal-attur.

Il-kap ta’ l-ispejjez jigi sopportat hekk: l-ispejjez relativi ghall-appell tal-konvenut jithallsu interament mill-konvenut appellant, mentri dawk relativi ghall-appell incidentali jithallsu mill-attur. L-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif gew decizi mill-Ewwel Qorti.

Dep/Reg

rk